MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Numru. 27/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Jake Caruana**

Numru: 27/2011

Illum 21 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Jake Caruana**, ta' erbatax-il (14) sena, bin Joseph Louis u Elsie neé Bonello, imwieled Rabat, (Ghawdex) nhar it-23 ta' Lulju, 1993, residenti

fil-fond numru 15, Triq il-Madonna tal-Virtu, Gharb, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32893(G), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-08 ta' Gunju 2008 u matul l-ahhar sitt xhur ta' qabel, gol-Gharb, Ghawdex u fi bnadi ohra f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi l-imputati f'din il-kawza kienu originarjament tnejn u cioé Silvan Formosa u Jake Caruana u *stante* illi rrizulta li l-imputat Silvan Formosa emigra lejn l-Awstralja, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 11) giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju bejn l-imputati b'dan illi l-Qorti ordnat li l-kawza fil-konfront tal-imputat Silvan Formosa tigi differita *sine die.*

Rat l-Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex l-imputat Jake Caruana jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Dok. "D" – *a fol.* 23).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 24).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti l-pozizzjoni taghha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014, it-trattazzjoni tad-difiza (*a fol.* 75 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed l-eks **PC 883 Paul Azzopardi** (*a fol.* 35 *et seq.*) rigward l-istqarrija (Dok. "B" – *a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li hu kien prezenti mill-hin li bdiet l-istqarrija sakemm spiccat. Ikkonferma li waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat kien hemm prezenti wkoll omm

l-imputat. Mistoqsi jghid jekk waqt li l-imputat kien qed jaghti l-istqarrija tieghu kienx hemm ghajjat da parte ta' ommu u li hi riditu jghid certu affarijiet, wiegeb li ma jiftakarx. Ma ghandux idea li din l-istqarrija saret b'certu agitazzjoni. Mistoqsi jghid jekk waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat omm l-imputat bdietx tintervjeni, iwiegeb: *"Jista' jaghti l-kaz, imma ma niftakarx"* (*a fol.* 37). Mistoqsi jghid jekk l-imputat inghatax il-fakolta li jkellem avukat, ighid li dakinhar il-ligi kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Jghid pero li l-imputat gie nfurmat bid-drittijiet tieghu. Jiftakar zgur li nghata s-solita twissija u li kien hemm prezenti omm l-imputat. Ma ghandux idea kemm damet tittiehed l-istqarrija.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PC 1371 Alfred Grech** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn qal li flimkien ma' PC 883 mar f'post fl-Gharb biex jassisstu lil shabhom peress li kien hemm hames min nies li nstabu jpejpu xi *joint*. Gharaf lill-imputat bhala wiehed minn dawn il-persuni.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien qed jassisti lill-iSpettur Josric Mifsud waqt li kien qed ikellem lil dawn il-persuni. Ma jiftakarx jekk xi wiehed minn dawn il-persuni kienx minorenni.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-08 ta' Gunju 2008 marru l-Gharb u nnutaw vettura pparkjata u kif waslu fuq il-post kien hemm zewg guvintur li dahlu go vettura. Jispjega li saret tfittxija fuq ix-xufier, li kien Silvan Formosa, u jghid li fil-but tal-*jeans* tieghu kellu bott tal-*films* li fih kien hemm sustanza kannella suspetta raza tal-kannabis. Jghid li saret tfittxija ohra gol-vettura u fuq is-*seat* tax-xufier kien hemm bicca sustanza ohra suspettata raza tal-kannabis u biljett tal-Gozo Channel li

kellu bicca mqasqsa minnu. Jghid li saret tfitxija fuq l-erba' persuni l-ohra li kien hemm gol-vettura pero dawn it-tfittxijiet rrizultaw fin-negattiv. Jixhed li ntalbet l-assistenza ta' numru iehor ta' ufficjali tal-Pulizija biex jeskortaw lill-hames zghazagh lejn l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex.

In kontro-ezami jghid li fuq wara tal-vettura kien hemm l-imputat flimkien ma' tfajla u guvni iehor u fuq quddiem kien hemm Silvan Formosa u zaghzugh iehor.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-8 ta' Gunju 2008 marru fuq rapport f'post fl-Gharb fejn nstabet vettura minghajr *number plates* b'xi nies go fiha. Jghid li saret *search* fuq dawn in-nies. Jghid li fuq Silvan Formosa nstab *roll* tal-*film* vojt fejn go fih kien hemm blokka suspettata raza tal-kannabis u fuq is-*seat* nstabet bicca blokka wkoll suspettata raza tal-kannabis. Jghid li in segwitu ta' *search* li saret fuq Jake Caruana ma nstab xejn.

In kontro-ezami jghid li x'hin waslu fuq il-post, il-persuna li ra

kienu barra l-vettura u dahlu fiha hekk kif lemhu lilhom. Mistoqsi jghid min kien barra, ighid li l-post kien mudlam u li kien hemm ix-xufier. Mistoqsi jghid fejn kien l-imputat Jake Caruana, ighid li dan kien fuq in-naha ta' wara. Jghid ukoll li kien hemm tfajla maghom.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 50 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Ikkonferma li l-imputat Jake

Caruana kien rilaxxa l-istqarrija ezebita u mmarkata bhala Dok. "B" (*a fol.* 20 *et seq.*).

In kontro-ezami mistoqsi jikkonfermax li fuq il-persuna ta' Jake Caruana ma nstab xejn, ighid: *"Jiena li qaluli kienet illi gewwa l-vettura kienet instabet affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga"* (*a fol.* 51). Ikkonferma li waqt li ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, kien hemm prezenti omm l-imputat li hija ghalliema. Ikkonferma li din kienet hadietha bi kbira. Mistoqsi jikkonferma li omm l-imputat qajjmet paniku shih, iwiegeb: *"Mhux iktar min-normali"* (*a fol.* 51). Ikkonferma li omm l-imputat kienet irrabjata hafna ghal binha. Mistoqsi jikkonferma li omm l-imputat bdiet tinsisti ma' binha biex jammetti u biex jikkoopera mal-Pulizija, iwiegeb: *"Ma niftakarx"* (*a fol.* 52). Mistoqsi jikkonfermax li omm l-imputat bdiet tghid lill-imputat b'mod ripetut biex jammetti, jghid li ma jiftakarx.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed l-imputat **Jake Caruana** (*a fol.* 55 *et seq.*) fejn qal dakinhar tal-akkadut kellu hmistax-il sena. Jghid li l-genituri tieghu ppanikjaw hafna u ghajjtu hafna mieghu. Jghid li meta dahal fejn l-iSpettur, dahlet ommu mieghu, li hija ghalliema. Jghid li ommu bdiet tghajjat mieghu u hu beda jibki u ma kienx jaf x'inhu jigri. Jispjega li dakinhar fuqu ma nstab xejn u lanqas kellu x'jaqsam. Jghid li anke l-iSpettur beda jghajjat. Jghid li kien hemm drabi fejn wiegeb minhabba l-ghajjat. Mistoqsi mill-Qorti jekk wegibx minhabba l-ghajjat ghax beda jibza', iwiegeb: *"Iva, ghax bdew jghiduli li jekk nammetti tista' tinqataghli bicca"* (*a fol.* 57). Jghid li kien fil-vettura flimkien ma' erba' ohra. Jghid li hu ma kien qed jaghmel xejn. Jghid li kien fil-vettura u li qabel kien ic-Centru. Jixhed li marru l-Pulizija u ghamlulu tfittxija u fuqu ma nstab xejn u ma jafx jekk lill-iehor sabulux xi haga fuqu.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2013, xehdet **Ursula Caruana** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn qalet li hija ghalliema u li l-imputat huwa binha. Tghid li binha l-imputat kien ic-Centru Parrokkjali u hi rceviet telefonata mill-iSpettur li qalilha li binha ma kien gralu xejn u serhet rasha. Tispjega li hi u zewgha marru l-Ghassa fejn l-iSpettur u bdew jistennew wara l-bieb, li kien maghluq, u nsema' daqxejn ghajjat. Tghid: *"U jiena dhalt u l-ewwel li ridt inkun naf x'gara u bqajt ma nafx ezatt ezatt x'kienet il-bicca tax-xoghol. Insomma, u jiena ta' ommu ta' ghalliema bdejt inwissi daqxejn lil ibni wkoll, ghajjat daqsxejn mieghu, miskin"* (*a fol.* 62). Tghid li ma tafx li kienet qed tittiehed l-istqarrija ta' binha meta kienet prezenti. Tikkonferma li kienet prezenti ghal din l-istqarrija (Dok. "B" – *a fol.* 20 *et seq.*) u gharfet il-firma taghha fuqha. Ikkonfermat li bdiet tifhem x'kien qed jigi mistoqsi binha. Mistoqsija tghid x'kien l-istat ta' binha meta marret hi, tghid: *"Kien imbezza' hafna, hafna, hafna. […] U jiena ma rrealizzajt li hu mbezza'"* (*a fol.* 64). Tghid li binha beda jghidilha li ma kien ghamel xejn u lill-iSpettur beda jirrispondih mod iehor.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2013, xehed **Joe Louis Caruana** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn qal li l-imputat huwa ibnu. Jghid li mar l-Ghassa u filwaqt li martu dahlet fil-kamra fejn kien hemm l-iSpettur u ibnu, hu baqa' barra. Jixhed li kien wara l-bieb tal-kamra u setgha jisma hafna ghajjat minn naha ta' martu u minn naha tal-iSpettur. Jiddeskrivi tali ghajjat bhala wiehed li *"ikexkxek"* (*a fol.* 67). Jixhed li habbat il-bieb ghax haseb li kien qed jigri xi haga aktar gravi u qalulu li ma setghax jidhol. Jghid li x'hin it-tifel hareg mill-kamra tal-iSpettur, it-tifel deher imbezza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza. Il-Qorti semghet kif graw il-fatti ta' din il-kawza, liema fatti gew imsemmija hawn fuq minn dak li xehdu l-persuni kollha li hadu l-pedana tax-xhud f'dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti tinnota li dakinhar li saret it-tfittxija in kwistjoni ma nstab xejn fuq l-imputat. Donnu li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq dak li l-imputat qal fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, liema stqarrija giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "B" (*a fol.* 20 *et seq.*). Il-Qorti qed tghid hekk ghax minn din l-istqarrija jirrizulta li meta l-imputat gie mistoqsi jghid x'jista' jghid dwar il-fatt li fil-pussess ta' Silvan Formosa nstab ammont ta' raza suspettata kannabis, wiegeb: *"Nghid li hadt xi nifsijiet ta' haxixa ghax ridt jien. Madwar xahrejn ilu kont inkun ic-Centru u hemm bdejt nitkellem ma' Sylvan [Silvan] Formosa. Xi ftit zmien wara jien kont ma' Sylvan [Silvan] gewwa l-garaxx li hemm taht id-dar tieghu l-Gharb. Kien qieghed ipejjep joint u jien tlabtu nifs. Nghid li ghamilt dan peress li kont naf li min ipejjep xi joint jiehu pjacir u jien ridt nisperimenta. Hadt xi nifs jew tnejn u hassejtni daqxejn happy. Nghid li l-ahhar darba li hadt nifs kien madwar illum stess"* (*a fol.* 20-21).

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-valur probativ tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, f'liema zmien din giet rilaxxata persuna arrestata ma kellhiex dritt li tikkonsulta ma' avukat, il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenzi kostituzzjonali in materja l-ewwel ghall-kazijiet **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera**, **Il-Pulizija vs. Mark Lombardi**, u **Il-Pulizija vs. Esron Pullicino** illi taw certa direzzjoni. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-kawza **Charles Stephen Muscat vs. Avukat Generali** illi tat direzzjoni ohra. F'din il-kawza flimkien ma' kawza ohra kostituzzjonali **Il-Pulizija vs. Ganni**

**Attard** (31 ta' Ottubru 2012), il-Qorti Kostituzzjonali ikkristalizzat il-kwistjoni tal-istqarrija meta dina ittiehdet qabel l-introduzzjoni tal-ligi fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) li tat lill-arrestat id-dritt illi jikkonsulta ruhu ma' avukat.

Illi l-Qorti tinnota li l-kawza kostituzzjonali **Charles Stephen Muscat vs. Avukat Generali** qalet is-segwenti:

> "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta' smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."

Paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad is-segwenti:

> "... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda […] li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jew theddid ...".

Din is-sentenza giet ikkwotata b'success fil-kawza l-ohra **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali** u kompliet tghid:

> "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-decizjoni moghtija fit-18 ta' Gunju 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** fejn il-Qorti kkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran:

> "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il-ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn **Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali** u **Ganni Attard versus Avukat Generali**) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità ta' tali stqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija."

Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati (*Vide* wkoll **Il-Pulizija vs. Robert Busuttil**, deciza fl-20 ta' Frar 2014)**.**

**Ikkunsidrat**

Illi, fil-kaz odjern, irrizulta illi l-imputat kien taht l-età meta irrilaxxa l-istqarrija lill-pulizija, u dana minkejja li tali stqarrija giet rilaxxata fil-prezenza ta' ommu. Il-Qorti jirrizultalha li l-imputat kellu fedina penali nadifa (Dok. "C" - *a fol.* 22) u li qatt ma kien kiser difrejgh mal-ligi sadakinhar li tittiehdet l-istqarrija u allura jfisser li l-imputat jista' jitqies bhala persuna vulnerabbli kif imfisser hawn fuq. Ghalhekk, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti thoss illi f'dawn ic-cirkostanzi jkun ghalhekk perikoluz illi l-istqarrija rilaxxata mill-imputat titqies *"in isolation"* minghajr il-provi l-ohra illi ngiebu mill-Prosekuzzjoni. Ghaldaqstant, tenut ta' kont ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha tigi skartata. Ladarba dan isir ma jkun ghad fadal xejn aktar fl-atti processwali sabiex l-imputat ikun jista' jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-

konfront tieghu u dana *stante* li, ladarba l-istqarrija tal-imputat ser tigi skartata, ma jkun hemm l-ebda prova fl-atti illi a bazi taghha tista' tinsab xi htija fl-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Jake Caruana hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------